TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/67/19/S

Carlos Cachia
Vs
Melita Limited

Illum 7 ta'Novembru,2019.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carlos Cachia pprezentata fit-3 ta'Gunju,2019 u r-risposta tas-socjeta Melita Limited ipprezentata fil-5 ta'Lulju,2019;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-18 ta'Lulju,2019;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kont ulterjuri meta skont ir-rikorrenti huwa kien hallas kollox u kien ta struzzjonijiet biex il-pjan tieghu jonqos jekk iggedded il-kuntratt. Is-socjeta intimata pprezentat kopja tal-kuntratt bejn il-partijiet u sostniet li r-rikorrenti hu debitur taghha fl-ammont ta' €174.68 li jinkludi uzu wara li ghalaq il-kuntratt ta' sentejn;

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi fi kliem ir-rikorrenti stess, huwa ghamilha cara ma' rapprezentanti tas-socjeta intimata li biex igedded huwa ried li l-hlas mensili tieghu jonqos ghal €40;

Illi r-rikorrenti tenna li huwa hallas kont ta' €900 ta' xaghrejn u ghalaq kollox. Dan kollu ma giex kontestat mis-socjeta intimata;

Illi jinghad mal-ewwel li kuntratt bhal dak odjern ghandu jkun semplici kemm jista' jkun biex kulhadd ikun f'pozizzjoni li jifhmu. Anzi l-punti l-iktar importanti ghandhom ikunu emfasizzati

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

biex kull parti tkun taf ghalxiex iffirmat u x'inhuma l-kundizzjonijiet;

Illi kuntratt bhal dak fil-kaz odjern ghandu jkun bl-lingwa li tinftiehem preferibilment bil-Malti u bi kliem semplici ifisser il-punti importanti tal-ftehim;

Illi dan it-Tribunal gja rrimarka f'decizjonijiet ohra li l-konsumatur ghandu jinghata informazzjoni cara u f'waqtha biex ikun f'pozizzjoni jaghgmel ghazla infurmata;

Illi dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm il-konsumatur ghandu diversi responsabilitajiet, l-entita li qed taghti s-servizz ghandha taghmilha facli ghall-konsumatur biex jiehu decizjoni. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li jkun utli li f'kaz meta jaghlaq kuntratt, ghandu jkun car lill-konsumatur li jekk is-servizz se jkompli jinghata il-prezz u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt precedenti se jibqghu vigenti. Dan ghandu jkun car u notifikat lill-konsumatur malli jghaddi l-perjodu tal-kuntratt;

Illi mill-provi irrizulta li r-rikorrenti hallas dak dovut ghal xaghrejn u ghalaq il-kont mas-socjeta intimata. F'dan il-mument kellu jitwaqqaf is-servizz;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Carlos Cachia filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Melita Limited, u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghadu jaghti xejn lis-socjeta intimata, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru